# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR DR MARSETTE PORTELLI XERRI**
**LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)**

**Seduta tal-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju, 2025**

**Talba Numru: 3/2021 (MPX)**

**Saviour Theuma (K.I. 28253G)**

**vs**

**Kunsill Lokali Xewkija; Ministry for Gozo, u b'digriet tat-18 ta' Marzu, 2022, il-kliem "Ministeru għal Għawdex" ġew sostitwiti bil-kliem "Segretarju Permanenti in rappreżentanza tal-Ministeru għal Għawdex"; u b'digriet tat-23 ta' Marzu, 2023, ġiet kjamata l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal;**

**Ra** l-Avviż tat-Talba, ippreżentat fis-7 ta' Mejju, 2021, li permezz tiegħu talab kif ġej:

*Illi nhar is-7 ta' Dicembru, 2018, ir-rikorrenti kien involut f'involut f'incident awtomobilistiku fi Triq tal-Lewz, Xewkija, Ghawdex, senjatament lejn id-direzzjoni tax-Xewkija;*

*Illi waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru tal-pjanci KBG 951, huwa ghadda minn fuq gully, bit-tappiera elevate mit-triq, bil-konsegwrenza li ghamel diversi hsarat fl-interess vettura;*

*Illi dan l-incident sehh unikament minhabba t-traskuragni tal-intimati u n-nuqqas ta' manutenzjoni tat-toroq, li hi responsabilita` li tghajjat lill-istess intimati;*

*Illi ghalhekk, b'konsegwenza tal-incident de quo, ir-rikorrenti sofra danni konsistenti f'damnum emergens fl-ammont ta' €1528.09;*

*Illi l-intimati gew interpellati permezz ta' ittra ufficjalu datata 22/07/2020, bin-numru ta' referenza 282/7/2020, sabiex ihallsu s-somma ta' €1528.09, dovuta lilu in konnessjoni ma' dan l-incident, izda rrifjutaw li jhallsu l-ammont shih minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u baqghu inadempjenti;*

*Illi r-rikorrent b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident imsemmi u tali responsabilita` hija biss tal-intimati jew min minnhom;*

*Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali.*

**Ra** r-risposta tal-Ministeru għal Għawdex, ippreżentata fit-3 ta' Ġunju, 2021, li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tal-attur kif ġej:

1. *Illi preliminarjament, il-Ministeru ghal Ghawdex mhux il-legittimu kuntradittur, u dan ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan peress illi r-responsabilita` ta' Triq il-Lewz, fix-Xewkija, Ghawdex, ma taqax taht il-Gvern Centrali, imma taht dik tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija;*

3. *Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni da parti tal-attur;*

4. *Ghaldaqstant, l-esponenti m'ghandux jinstab responsabbli ghal kwalunkwe dann li allegatament sofra l-attur;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

**Ra** r-risposta tal-Kunsill Lokali Xewkija, ippreżentata fil-15 ta' Lulju, 2021, li permezz tagħha wieġeb għat-talbiet tal-attur kif ġej:

1. *Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;*

2. *Illi l-Kunsill Lokali eccepjenti ma ghandu l-ebda responsabilità f'dan l-incident;*

3. *Illi t-tappieri fit-toroq jappartjenu lil entitajiet pubblici ohra, izda mhux lill-eccipjenti;*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, mill-fatti kif inhuma maghrufa lill-esponenti, l-incident de quo sehh tort u htija tal-attur li ma zammx a proper lookout.*

**Ra** r-risposta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kjamata fil-kawża, ippreżentata fis-17 ta' April, 2023, li permezz tagħha wieġbet hekk:

1. *Illi in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors tas-sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni ma kkawzat l-ebda dannu lill-attur;*

3. *Illi anke mix-xhieda u mir-ritratti esebiti jidher car li l-allegat incident, li qatt ma gie rappurtat lill-Korporazzjoni, jista' jkun biss imputabbli lill-istat dizastruz tat-triq in kwistjoni;*

4. *Illi t-tappiera de quo tikkonsisti f'nine inch meter chamber cover li qieghda fil-livell li ghandha tkun;*

5. *Illi tant kemm hi hazina t-triq in kwistjoni li s-sewwieqa jippreferu jsuqu fuq fuq din il-cover u dan kif addirittura jirrizulta mix-xhieda tal-attur li hu qasam fuq il-karreggata opposta (tal-lemin) waqt li huwa kien qed isuq fid-direzzjoni lejn ix-Xewkija (karreggata tax-xellug);*

6. *Illi ghaldaqstant, il-Korporazzjoni esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Bl-ispejjez.*

Ra s-sentenza *in parte* tiegħu, mogħtija fil-5 ta' Marzu, 2025, permezz ta' liema, dan it-Tribunal, filwaqt li caħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-Kunsill Lokali Xewkija, għadda sabiex jilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u sussegwentement illiberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ra l-assjem tax-xhieda migbura fl-atti ta' dawn il-proceduri, fejn:

Fix-xhieda moghtija minnu waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar, 2023, l-attur spjega illi huwaa kien sejjer minn Ta' Sannat ghax-Xewkija, fejn qasam ghat-triq ta' fejn ic-cimiterju, ossiaa Triq tal-Lewz. Jghid li kien hemm ghadira kbira u kien hemm xi haga pparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq, kien hemm l-ilma, u hakk xi haga taht il-vettura tieghu. Jghid li baqa' miexi u f'daqqa wahda l-vettura waqfet u sab li kien hargilha z-zejt. Ikompli jixhed li ma ndunax li kien hemm tappiera peress illi bit-tajn din ma kinitx tidher.

Jghid ukoll illi t-triq ma kinitx asfaltata, u li huwa kien mar ghamel rapport mal-Pulizija. Jixhed ukoll li kien baghat ittra lill-Kunsill Lokali Xewkija u lill-Ministeru ghal Ghawdex, liema ittri ufficjali gew esebiti minnu. Esebixxa wkoll ircevuta, li jghid li tirrapprezenta l-ammont minnu mhallas ghall-hsarat ikkagunati lill-vettura tieghu, fl-ammont ta' €1,521.10.

Ra wkoll ir-ritratti esebiti, li l-attur jispjega li gew mehuda minnu l-ghada tal-akkadut;

Ra x-xhieda ta' Hubert Saliba, moghtija minnu wkoll fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2023, fejn jghid li r-raguni ghalfejn it-talba odjerna qed tigi kkontestata mill-Kunsill Lokali Xewkija hija peress li bhala kunsill, ghal kull talba li kellhom, dejjem irrikorrew ghand il-Ministeru ghal Ghawdex. Izid jghid li l-ebda triq ma hija fir-responsabilita` tal-Kunsill, u li fir-rigward ta' Triq tal-Lewz, hemm korrispondenza mill-2008 fejn, ghal drabi konsekuttivi, il-Ministeru ntalab jaghtiha l-konkrit.

Izid jghid li t-tappiera li saret referenza ghaliha mill-attur zgur ma taqax taht ir-responsabilita` tal-Kunsill. Ikompli jixhed li nghata konkrit sa nofs it-triq, li nghata mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma;

Ra wkoll il-kopji tal-imejls li gew skambjati bejn il-Kunsill Lokali Xewkija u l-Ministeru Ghal Ghawdex, ipprezentati permezz ta' nota fit-28 ta' Frar, 2023;

Ra x-xhieda ta' Anton Azzopardi, moghtija minnu waqt it-23 ta' Marzu, 2023, li kkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tal-invoice esebita, immarkata bhala Dok ST7;

Ra x-xhieda ta' Vicky Xuereb, moghtija minnu waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2023, fejn, mistoqsija ghal informazzjoni dwar Triq tal-Lewz, hija tghid illi jirrizultalha li kien sar xoghol ta' siment fis-sena 2022, liema xoghol sar mill-Ministeru bil-haddiema tieghu. Izzid tghid li dik it-triq ma taqax taht il-Ministeru, izda hija responsabilita` tal-Kunsill Lokali Xewkija. Mistoqsija x'wassal, allura, biex il-Ministeru ghamel xoghol fiha, tghid illi l-Ministeru jircievi hafna rikjesti biex jaghmel xoghlijiet, peress li l-*budgets* allokati mhux dejjem ikunu sufficjenti biex ikopru l-ispejjez involuti. Tghid ukoll li din it-triq qatt ma giet asfaltata, u li llum il-gurnata fiha hemm biss siment f'parti minnha;

Ra x-xhieda tal-attur, moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju, 2023, fejn jghid illi li gara kien li t-triq nizlet u l-karozza nizlet fuq genb. Jinsisti li t-tappiera kienet f'postha.

Ra l-affidavit ta' Vicky Xuereb, Direttur Generali Strategy and Support fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, ipprezentat fl-24 ta' Novembru, 2023, li fih tghifd illi t-triq li fiha sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, ossia Triq tal-Lewz, taqa' taht ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali Xewkija, u mhux taht ir-responsabilita` tal-Gvern Centrali. Dan peress illi hija triq distributorja u mhux wahda arterjali. Izzid tghid li l-uniku involviment li kellu l-Ministeru ghal Ghawdex kien meta fl-2022 kien gie mitlub jaghti siment f'parti minnha. Tghid ukoll illi t-tappiera fl-istess triq hija propjeta` tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u mhux tal-Ministeru ghal Ghawdex;

Ra x-xhieda tal-istess Vicky Xuereb, moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2023, fejn tghid illi r-rikjesta li ghaliha kienet irreferiet fix-xhieda precedenti taghha kienet saret mill-Kunsill Lokali Xewkija fid-29 ta' Mejju, 2020, u kienet giet approvata fit-2 ta' Gunju, 2020, u x-xoghol sar fis-sena 2021. Terga' tispjega li ghalkemm din it-triq taqa' taht il-Kunsill Lokali Xewkija, minhabba l-limitazzjoni ta' fondi, il-Ministeru jircievi rikjesti biex ix-xoghlijiet jigu esegwiti minnu.

Ikkunsidra:

Permezz tal-proceduri odjerni, l-esponenti qieghed jitlob hlas ta' danni kkaagunati lill-vettura tieghu f'incident li sehh fis-7 ta' Dicembru, 2023, fi Triq tal-Lewz, limiti tax-Xewkija, Ghawdex, dan fl-ammont ta' €1528.09.

Illi permezz tas-sentenza preliminari moghtija, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante li l-azzjoni fil-konfront taghha giet iddikjarata perenta.

Illi, ghaldaqstant, jifdal sabiex jigi determinaat jekk tistax tigi akkollata xi responsabilita` lill-Kunsill Lokali Xewkija, jew lis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Ippjanar.

Mill-provi prodotti, u dan partikolarment mix-xhieda tal-attur, kif ukoll mir-ritratti minnu esebiti, dak li wassal ghall-incident in kwistjoni kien l-istat hazin li fih kienet tinsab it-triq fid-data tal-akkadut.

Jirrizulta wkoll illi l-manutenzjoni tat-triq in kwistjoni taqa' fil-kompetenzaa tal-Kunsill Lokali Xewkija, tant li, kif jirrizulta mill-korrispondenza elettronika skambjata u li giet ukoll esebita in atti, fejn kien qieghed ikun dejjem l-istess Kunsill li jitlob li ssir il-manutenzjoni, u dan in linea mal-prassi spjegata mid-Direttur Generali fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Ippjanar, Vicky Xuereb, u cioe` dik li ssir rikjesta minn min taht ir-responsabilita` tieghu tkun taqa' dik it-triq in partikolari, u dan peress li l-istess Kunsilli Lokali mhux dejjem ikollhom il-fondi necessarji sabiex ikopru l-ispiza relattiva. Huwa car, ghalhekk illi l-Kunsill Lokali kien, fid-data tal-akkadut, u dan stante li l-imsemmija korrispondenza elettronika giet hekk skambjata kemm qabel id-data tal-incident (iktar kmieni fis-sena 2018), u anke tul is-snin ta' wara, li l-Kunsill Lokali kien f'din id-data responsabbli li jara li t-triq li fiha sehh l-incident tigi mantnuta b'tali mod li ma tigix ikkawzata hsara lill-utenti taghha. Mill-provi prodotti jirrizulta kjarament li l-Kunsill Lokali tax-Xewkija ma qediex l-obbligu tieghu skont il-ligi tant li l-incident *de quo* sehh sehh propju minhabba l-fatt li t-triq kienet nizlet, il-vettura tal-attur sussegwentement nizlet fuq genb, bl-eventwalita` li l-qiegh hakk maa tappiera, liema tappiera, pero`, fl-ebda punt tal-proceduri ma rrizulta li ma kinitx f'postha.

Illi fir-rigward tal-*quantum* mitlub jinghad li l-attur irnexxielu jipprova l-istess. Lanqas ma jirrizultaw elementi li jistghu jaddebitaw xi forma ta' kontributorjeta` lill-attur qua sewweq, u dan ghaliex ma gew imressqa l-ebda provi li jistghu jindikaw xi nuqqas da parti tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-Segretarju Permanenti in rapprezentanza tal-Ministeru ghal Ghawdex u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess, jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali Xewkija, konsegwentement jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali Xewkija u jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' €1528.09, rapprezentanti danni subiti mill-attur bhala rizultat tal-incident mertu ta' dan il-kaz, bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali, u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza.

**(ft) Dr Marsette Portelli Xerri**
**Ġudikant**

**(ft) Martina Axiak**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**